# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt


## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 27/2025**

Data: L-Erbgħa 22 ta' Ottubru 2025

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Cascun Portelli | Sindku |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Sur Adrian Tanti (17:40 hrs) | Kunsillier |
| Skużat/i: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| Assenti: | | |
| | Ann Marie Gatt | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

27.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

27.2 MINUTI

27.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

27.4 KORRISPONDENZA

27.5 PLANNING AUTHORITY

27.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

27.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

27.8 MISTOQSIJIET

27.9 MOZZJONIJIET

27.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

27.11 FINANZI

27.12 TRAFFIC MANAGEMENT

27.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

27.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

27.15 STAFF

27.16 PURCHASE REQUEST FORM

27.17 ĦLASIJIET

27.18 AĠĠORNAMENT

---

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:35 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 27.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**27.1.1** Kien hemm tliet talbiet ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku, il-Kuns I Catania De Giovanni u l-Kuns R Ellul. Il-Kunsill approva dawn it-talbiet.

## 27.2 MINUTI

**27.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7264/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 26/2025 bid-data 17 ta' Settembru 2025.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 27.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**27.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 27.4 KORRISPONDENZA

**27.4.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 27.5 PLANNING AUTHORITY

**27.5.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill issottometta l-oġġezzjoni kontra l-applikazzjoni tas-'supermarket' fi Triq id-Dejma, fejn irċieva l-'acknowledgement' għas-sottomissjoni.

## 27.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**27.6.1** Is-Sindku nforma l-kamra li attenda għal 'press conference' tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali minħabba finanzjament għall-Milied. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jirċievi s-somma ta' €13,500 bħala fondi biex issir l-attivita 'Pjazza fil-Milied' din is-sena. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment fejn ġie nfurmat li ser jirċievi €603.06 bħala fondi għal skema oħra bl-isem ta' 'Komunitajiet aktar siguri' li l-Kunsill kien applika għaliha fl-2023, fejn kien hemm xi dokumentazzjoni nieqsa u għaldaqstant ma setgħux jingħataw il-fondi. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill ġie nfurmat ukoll li ser jirċievi €4,000 bħala fondi għall-iskema bl-isem ta' 'Attivitajiet Kulturali 2023', fejn ukoll kien hemm xi dokumentazzjoni nieqsa, u €20,000 oħra wkoll bħala fondi għall-iskema bl-isem ta' 'Attivitajiet Kulturali 2025', fejn saret il-Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka ta' din is-sena. Is-Sindku qal li rigward l-iskema 'Lokalitajiet aktar nodfa' marbuta mal-'world clean up day 2025', fejn ħadu sehem l-għaqda tal-Kummissjoni Festa Esterna, il-Kunsill s'issa rċieva €1,125 bħala fondi u ser ikun qed jirċievi l-bilanċ pendenti ta' €375 fil-jiem li ġejjin, peress li s-somma kienet ta' €1,500.

**27.6.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-membri tal-Kunsill irċevew Ċirkulari 4_2025 'Fondi għat-Taħriġ ta' Uffiċjali u Membri Eletti fil-qasam tal-Gvern Lokali' mid-Dipartiment, fejn kull membru elett jew l-istaff administrattiv jista japplika mad-Dipartiment sabiex ikun jista jsiefer barra minn xtutna jew jattendi għal korsijiet f'pajjiżna stess bħal 'public speaking' u 'script writing'.

## 27.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**27.7.1** Is-Sindku nforma l-kamra li d-dekasteru tas-saħħa li qiegħed taħtu huwa wieħed essenzjali fil-lokal, u minħabba li ma jistax ilaħħaq ma' kollox, wara li tkellem mal-Kuns J Scicluna, qal li ser ikun qed jaħtar lilha bħala l-Kunsilliera responsabbli mid-dekasteru tas-saħħa.

**27.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li rċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok A'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7265/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għall-Ċir AKL 2025/065 Skema ta' fondi - Inizjattivi ta' Mobilità Attiva u Sostenibbli.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.7.3** Is-Sindku nforma l-kamra li kellmitu l-Kuns J Scicluna, fejn iddeċidiet li tirtira l-mozzjoni li kienet għamlet biex isir il-'party' tal-Milied, u bl-istess 'budget' jinxtara l-apparat tal-AED.

Il-Kuns J Scicluna ressqet mozzjoni ref: **7266/25/9** 'B'referenza għall-mozzjoni ref: 7257/25/9, dan il-Kunsill, fuq talba tal-Kunsilliera Sna Josianne Scicluna qed jiddeċiedi li ma jsirx il-party tal-milied proponut mill-Kunsilliera Josianne Scicluna u minflok jinxtara l-apparat AED skond l-irħas kwotazzjoni annessa.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.7.4** Is-Sindku nforma l-kamra li hemm żewġ proġetti li l-Kunsill applika għalihom mal-Public Works, li hemm problemi fuqhom. Is-Sindku qal li wieħed minnhom huwa fi Triq Kampanella, fejn il-Kunsill irċieva lura minn Transport Malta li mhux ser jingħata permess li titqatta, u l-ieħor huwa l-proġett tal-Foss fejn il-pjanti ddaħħlu bil-qisien li hemm preżenti u li jikkonsisti fiċ-ċint li jiġi rtirat 'il ġewwa. Is-Sindku qal li dan mhux possibbli għax wara li

tlesta l-proġett tal-park tal-inħawi, għandhom dritt li mill-Unjoni Ewropea jiġu meta jridu f'ħames snin sħaħ u jagħmlu spezzjoni fuq il-proġett, fejn jekk jaraw kambjament żgħir jintilfu l-fondi. Is-Sindku kompla jgħid li għaldaqstant ser jiġi pospost, u li tkellem mal-perit sabiex jiġu renovati xi sqaqien ġewwa l-Fgura.

Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7267/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika mal-Public Works permezz tal-Perit tal-Kunsill sabiex jiġi renovat Sqaq Rjallu minn Zabbar Road kif ukoll Sqaq Rjallu minn Triq San Mikiel. Ebda karozza ma għandha tidħol tipparkja fil-parti ta' Zabbar Road ġaladarba isir il-proġett.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill għandu l-Bord tal-monument tal-Madonna, fejn kien ġie identifikat post fejn għandu jsir il-monument u l-Bord kien qabel li jsir fir-roundabout tat-TipTop. Is-Sindku qal li f'din ir-roundabout diġà hemm monument tal-Fgura li kien għamlu l-ex Sindku Salvu, u għaldaqstant huwa daħħlu fil-Bord biex jiġi diskuss flimkien miegħu sabiex dan il-monument jitpoġġa fir-roundabout ta' Triq id-Dejma bil-permess tal-Planning Authority, fl-entratura tal-Fgura.

Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7268/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova d-deċiżjoni tal-Bord għall-monument tal-Madonna biex il-monument preżenti li hemm bħalissa fuq ir-roundabout tat-TipTop jiċċaqlaq u jmur fuq ir-roundabout li hemm fi Triq id-Dejma.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.7.6** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7269/25/9** 'Dan il-Kunsill qed japprova li isir monument tal-Madonna hekk kif ġie propost mill-Bord tal-monument tal-Madonna fuq ir-roundabout li tinsab f'Zabbar Road ħdejn it-TipTop.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.7.7** Is-Sindku nforma l-kamra li fir-rigward tal-monument tal-Madonna, kien hemm ħafna diskussjonijiet fuq 'il fejn għandha tħares il-Madonna. Is-Sindku qal li fil-bidu kien hu stess li ssuġġerixxa li din għandha tħares lejn il-Knisja. Is-Sindku

kompla jgħid li meta reġa tqajjem dan l-argument, il-Bord kien tal-opinjoni li l-Madonna għandha tħares lejn il-gallarija direzzjoni lejn Raħal Ġdid. Hawnhekk qamet diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill. Il-Kuns C Bonello qara spjegazzjoni annessa bħala 'Dok B'.

Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7270/25/9** 'Dan il-Kunsill qed iressaq il-proposta imressqa mill-Bord tal-monument tal-Madonna li l-istatwa tiġi tħares lejn il-gallarija direzzjoni lejn Paola.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'4 voti favur u 2 kontra.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns M Lombardo, Kuns J Scicluna

Kontra – Kuns C Bonello, Kuns A Tanti

**27.7.8** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7271/25/9** 'Sabiex issir write off mill-fixed assets ta' photocopier li kienet tintuża mill-impjegati tal-Kunsill, wara li ma baqgħetx taħdem peress li antika u parts tagħha m'hawnx, hekk kif inhu anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.7.9** Is-Sindku nforma l-kamra li fl-10 ta' Novembru ser jerġgħu jibdew il-lezzjonijiet tal-għawm b'xejn għall-adulti, kull nhar ta' Tnejn bejn id-9:30 hrs u l-10:30 hrs fl-'indoor pool' tal-Cottonera Sports Complex għar-residenti tal-Fgura, għal min ikun jixtieq japplika. Is-Sindku qal li l-massimu ta' applikanti huwa ta' 20 persuna.

**27.7.10** Is-Sindku nforma l-kamra li ntagħżlu l-persuni għal Ġieħ il-Fgura peress li ttellgħu bil-polza. Is-Sindku qara dokument bl-ismijiet anness bħala 'Dok Ċ'. Wara diskussjoni, is-Sindku qal li s-sena d-dieħla dawk li jagħtu Ħajr il-Fgura, is-sena ta' wara jagħti ħaddieħor biex dejjem jinbidlu. Is-Sindku qal li din trid tiġi diskussa mill-Bord ukoll.

**27.7.11** Is-Sindku nforma l-kamra li ser iressaq il-Pjan ta' Ħidma għal ħames snin tal-membri tal-Kunsill li bagħtuh, u ser jitkellem mal-'accountant'. Is-Sindku qal li dawn huma tal-Kuns M Lombardo, tal-Kuns J Scicluna u tal-Kuns R Deguara. Hawn qamet diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill peress li kien diġà intalab is-sena li għaddiet. Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi ċċekkjat rigward dan, u qal li min bagħtu s-sena l-oħra jiġi nkluż ukoll.

**27.7.12** Is-Sindku nforma l-kamra li ser isir it-tiġdid tal-kuntratt tad-'Data Protection Officer' peress li skada imma jista jerġa jiġġedded għal sena oħra.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7272/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill iġedded il-kuntratt ta' DPO għal sena oħra skond kif jippermetti il-kuntratt.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.7.13** Is-Sindku nforma l-kamra li nġabru aktar kwotazzjonijiet għat-tqegħid tat-travertine fil-kċina tas-sular ta' fuq u fis-sala, li huma aktar għoljin fil-prezz u għaldaqstant ser tintagħzel l-irħas waħda li hija ta' €5,881. Is-Sindku qal li dan ser isir is-sena d-dieħla.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7273/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-irħas kwotazzjoni għat-tqegħid tat-tavertine kemm fil-kitchenette tas-sular ta' fuq kif ukoll fis-sala.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.7.14** Is-Sindku nforma l-kamra li peress li għaddejjin ix-xogħolijiet fi Vjal Kottoner, irċieva korrispondenza mingħand il-Kummissjoni Festa Esterna fejn qed jitolbu biex għal din is-sena, is-sigra tal-milied tintrama fi Pjazza Reggie Miller. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok D'.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7274/25/9** 'Dan il-Kunsill qed jilqa l-proposta tal-Kummissjoni sabiex din is-sena, is-siġra tal-Milied tintrama għal darba biss fi Pjazza Reggie Miller.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.7.15** Is-Sindku nforma l-kamra li s-sena l-oħra kienet l-ewwel sena li ntrama l-presepju tal-Milied u li din is-sena ġie deċiż li dan jintrema fuq in-naħa ta' quddiem tal-Knisja.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7275/25/9** 'Sabiex isir l-armar tal-presepju fuq iz-zuntier tal-knisja skond l-istima annessa, għal spiża ta' mhux aktar minn €800.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.7.16** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza minn naħa tal-Kummissjoni Festa Esterna, peress li kull sena jagħmlu kalendarju għas-sena l-ġdida, fejn ikun jista jsir reklam tal-Kunsill.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7276/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jagħmel reklam fil-kalendarju tal-Kummissjoni Festa Esterna għal prezz ta' €350. Ir-reklam għandu jkun informattiv dwar xi servizzi tal-Kunsill.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.7.17** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-LESA minħabba l-fondi li qed jingħataw lill-għaqdiet. Is-Sindku qal li minn naħa tal-Kunsill, intbagħtet din il-korrispondenza bl-applikazzjoni lill-għaqdiet kollha. Is-Sindku qal ukoll li ser jinforma l-kamra b'kull proġett li ser ikun qiegħed isir mill-għaqdiet.

**27.7.18** Is-Sindku nforma l-kamra li ġiet riċevuta korrispondenza minn kumpanija privata li qed toffri korsijiet f'Malta u barra minn Malta, l-istess bħal ma semma aktar qabel li qed jiġi offrut mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal membri eletti u l-istaff amministrattiv tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li kkonferma mad-Dipartiment li dawn qed jiġu offruti separatament minn xulxin.

## 27.8 MISTOQSIJIET

**27.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 27.9 MOZZJONIJIET

**27.9.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7277/25/9** 'Sabiex tiġi approvata l-kwotazzjoni għall-insurance tal-armar tal-Milied. Liema insurance hija l-unika waħda li tipprovdi insurance fuq armar tal-Milied.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 27.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**27.10.1** Is-Sindku nforma l-kamra li rigward it-tender tal-knis, fejn kien hemm l-appell il-PCRB, għaddew l-għoxrin ġurnata u l-Kunsill ma rċieva l-ebda notifika mill-Qorti, u għaldaqstant il-kuntrattur il-ġdid issa beda.

## 27.11 FINANZI

**27.11.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7278/25/9** 'Sabiex il-Kunsill japprova l-Quarterly Financial Report minn Jannar 2025 sa Settembru 2025 (Quarter 3).'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.11.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7279/25/9** 'Dan il-Kunsill qed jaqbel li l-laqgħa tal-Lokalità issir fit-3 ta' Diċembru 2025 fil-ħin tas-18:00pm fis-sala tal-Kunsill Lokali.'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 27.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**27.12.1** Is-Sindku nforma l-kamra li nġabru l-firem tar-residenti li talbu li ssir 'sleeping policeman' fi Triq Kent.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7280/25/9** 'Sabiex issir sleeping policeman quddiem ir-residenzi b'numru 193 'Warda' u 146 'Kennija' fi Triq Kent fil-Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 27.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**27.13.1** Is-Sindku nforma l-kamra li fi Vjal Kottoner bdew ix-xogħolijiet fit-tieni fażi.

**27.13.2** Is-Sindku nforma l-kamra li bdew xi xogħolijiet fi Triq id-Dejma minn naħa tal-Water Services Corporation.

**27.13.3** Is-Sindku nforma l-kamra li rigward Triq Kent, beda x-xogħol però ġie kkuntattjat għax qed ikun hemm problema biex jinstabu l-'wardens' sabiex tingħalaq Triq San Tumas għal ċertu ħin. Is-Sindku qal li talab biex quddiem kull garaxx li tqatta quddiemu, issirilhom pjanċa, biex ir-residenti jkunu jistgħu jidħlu u joħorġu l-vetturi tagħhom. Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tintbagħat ittra lir-residenti tat-triq imsemmija. Is-Sindku żied jgħid li riedu jqattgħu Triq Kent kollha, però qal li jekk ser isir 'patching' it-triq mhux ser titqatta u ser jieqfu sa Triq San Tumas.

**27.13.4** Il-Kuns M Lombardo qal li fi Triq Sardinella qed issir il-bankina, però hemm ukoll Triq il-Ġiżimina u Triq il-Ħuttafa. Is-Sindku qal li l-bankini jsiru minn naħa tal-Public Works Department. Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex issir lista tat-toroq li qed jintalbu sabiex isiru minn Infrastructure Malta.

Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7281/25/9** 'Sabiex toroq Sardinella, Ġiżimina u Ħuttafa issir talba biex ikunu asfaltati wkoll minn Infrastructure Malta flimkien mal-bankini wkoll.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 27.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**27.14.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns C Bonello sabiex jagħmel l-intervent tiegħu.

Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7282/25/9** 'Mozzjoni sabiex dan il-Kunsill japprova s-somma ta' €3800 sabiex tkopri l-ispejjeż (bħala approvazzjoni addizzjonali) tal-Wirjiet kollha (esebizzjonijiet) inkluż dik marbuta mal-Milied 2025.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.14.2** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7283/25/9** 'Mozzjoni sabiex isir il-Karnival il-Ħadd filgħodu 15 ta' Frar 2026 għal spiża ta' mhux aktar minn €12,000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.14.3** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7284/25/9** 'Mozzjoni sabiex issir l-attività Il-Mixegħla f'Ħamis ix-Xirka fil-Fgura il-Ħamis 2 t'April 2026 għal spiża ta' mhux aktar minn €12,000. Ma' dan l-ammont jiżdied ukoll is-somma miksuba mill-iskema tal-Gvern Lokali.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.14.4** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7285/25/9** 'Mozzjoni sabiex issir Pjazza fil-Milied fis-6 u 7 ta' Diċembru 2025 għall-spiża ta' mhux aktar minn €10,000. Dan barra l-ammont ta' flus miksub mill-iskema tal-Gvern Lokali.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.14.5** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7286/25/9** 'Mozzjoni sabiex issir l-attività ta' Milied Riċiklabbli għas-sena 2025 bi spiża ta' €2000.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.14.6** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna qalet li qed tinkiser ta' spiss l-istess ħġieġa tas-saqaf tal-'bus shelter' bl-isem ta' Punika, u qed jiġi ssuspettat li din qed tiġi vvandalizzata, għaldaqstant tixtieq li ssir camera f'dan il-bus shelter. Is-Sindku qal li jaqbel mal-Kuns J Scicluna, però il-Kunsill irid jitkellem mad-Data Protection Officer sabiex jagħmel rapport biex il-Kunsill ikun sigur milli jikser ir-regoli u l-liġi tad-'data'.

Il-Kuns J Scicluna ressqet mozzjoni ref: **7287/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova li ssir camera ħdejn il-bus shelter b'isem Punika sabiex jinqatgħu il-vandalizmi li qed isiru ta' spiss f'dawk l-inħawi. Il-camera għandha tiġi nstallata fuq in-naħa ta' direzzjoni sejjer lejn Paola.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.14.7** Il-Kuns J Scicluna qalet li qed isiru l-preparamenti għall-attività tal-Pink October u Movember, li ser issir il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru filgħaxija fis-sala tal-Kunsill, fejn kulħadd huwa mistieden. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li ser jieħdu sehem tliet NGO's li huma Hospice Malta, Europa Donna u Marigold Foundation, fejn ser ikunu qed jinġabru donazzjonijiet waqt din l-attività.

**27.14.8** Il-Kuns J Scicluna qalet li s-Sibt li għadda saret l-attività ta' 'chair yoga' u 'wellbeing talk' fis-sala tal-Kunsill, fejn saret ġabra fil-bottijiet li ġew provduti minn naħa tal-NGO's.

**27.14.9** Il-Kuns J Scicluna qalet li rigward it-trasport pubbliku, ir-residenti qed jibgħatu l-'emails' minħabba li l-karozzi tal-linja qed ikunu kollha mimlijin meta jaslu fil-Fgura filgħodu kmieni u ħafna minnhom mhux qed jirnexxilhom jirkbu. Il-Kuns J Scicluna qalet ukoll li talbet permess lil resident partikolari biex tgħaddi l-'email' tiegħu lil Transport Malta u lill-Ministru kkonċernat, fejn ġiet imwieġba li din il-problema qed jaħdmu fuqha. Hija kompliet tgħid li l-aktar li r-residenti qed jilmentaw huma fuq il-karozzi tal-linja bin-numru 120 u 204 li jmorru lejn l-isptar peress li dawn mhumiex daqshekk frekwenti. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jitlob sabiex issir laqgħa biex jiġi diskuss sabiex dawn il-karozzi tal-linja jkunu aktar frekwenti.

**27.14.10** Is-Sindku stieden lill-Kuns M Lombardo sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns M Lombardo qal li l-Ġimgħa 24 ta' Ottubru ser isir il-kunċert ta' Jum il-Fgura ġewwa l-iskola Primarja u rigward il-Ħadd 26 ta' Ottubru bagħat jinforma lill-membri tal-Kunsill min imissu jaqra u min ser itella l-offerti waqt il-quddiesa. Il-Kuns M Lombardo qal li l-Ħadd ser jiltaqgħu fejn il-monument tas-salib, fejn wara l-quddiesa jkun hemm il-korteo sa' Pjazza Reggie Miller.

**27.14.11** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7288/25/9** 'Sabiex isir l-armar dekorattiv tal-Milied fi Triq Zabbar, skond l-irħas kwotazzjoni annessa, allokazzjoni ta' mhux aktar minn €5310.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.14.12** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7289/25/9** 'Sabiex isir l-armar dekorattiv tal-Milied fi Triq Hompesch, skond l-irħas kwotazzjoni annessa, allokazzjoni ta' mhux aktar minn €5192.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.14.13** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7290/25/9** 'Sabiex isir armar tal-Milied quddiem il-Knisja Parrokkjali, skond l-irħas kwotazzjoni annessa, allokazzjoni ta' mhux aktar minn €3550.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.14.14** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7291/25/9** 'Sabiex isiru dekorazzjonijiet tal-Milied fit-toroq imniżżla fl-iskeda annessa, allokazzjoni ta' mhux aktar minn €4460.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.14.15** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7292/25/9** 'Sabiex tintrama il-faċċata tal-Kunsill Lokali skond il-kwotazzjoni annessa, allokazzjoni ta' mhux aktar minn €1500.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.14.16** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7293/25/9** 'Sabiex tintrama is-siġra tal-Milied fi Pjazza Reggie Miller, allokazzjoni ta' mhux aktar minn €3700.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.14.17** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns R Deguara qal li saret il-ħarġa għal Sqallija li kienet ta' suċċess.

**27.14.18** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7294/25/9** 'Sabiex issir ħarġa għal Għawdex nhar Ħadd il-Palm 29 ta' Marzu 2026 għas-somma ta' mhux aktar minn elf ewro (€1,000) bit-tema tal-Gimgħa Mqaddsa.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 27.15 STAFF

**27.15.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7295/25/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqa' t-talba ta' din l-studenta biex tagħmel 20 siegħa work placement fi ħdan il-Kunsill Lokali Fgura. L-isem tal-istudenta jinsab anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.15.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7296/25/9** 'Sabiex Assistant Principal fi Skala 10 titla minn notch 1 għal notch 2 wara sena bħala ħaddiema fi ħdan il-Kunsill u skond para 12 tal-Ftehim Kollettiv 2024-2028.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.15.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7297/25/9** 'Sabiex skrivan fi Skala 15 jitla minn notch 4 għal notch 5 wara sena oħra tiegħu bhala ħaddiem fi ħdan il-Kunsill u skond para 12 tal-Ftehim Kollettiv 2024-2028.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.15.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7298/25/9** 'Sabiex Council Assistant fi Skala 16 titla minn notch 4 għal notch 5 wara sena oħra tagħha bħala ħaddiema fi ħdan il-Kunsill u skond para 12 tal-Ftehim Kollettiv 2024-2028.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 27.16 PURCHASE REQUEST FORM

**27.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7299/25/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' Ottubru 2025 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok E')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 27.17 ĦLASIJIET

**27.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7300/25/9** 'Sabiex jiġu approvati l-lista tal-ħlasijiet minn 10/09/2025 sa 15/10/2025 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok F')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet b'5 voti favur u astenzjoni waħda.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur – Is-Sindku, Kuns R Deguara, Kuns C Bonello, Kuns M Lombardo, Kuns J Scicluna

Astenzjoni – Kuns A Tanti

## 27.18 AĠĠORNAMENT

**27.18.1** Il-laqgħa ntemmet fis-19:37 hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 12 ta' Novembru, 2025 fil-17:30hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Ann Marie Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Data: 22 ta' Ottubru, 2025

'Dok A'

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Lill-Presidenti Reġjonali,
Sindki, Viċi Sindki, Kunsilliera u
Segretarji Eżekuttivi

Bonġu Għeżież,

Wara l-laqgħa li saret reċentement fl-uffiċini tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali mal-Kunsilli Reġjonali u r-rappreżentanti ta' Transport Malta, nixtiequ ninfurmawkom li issa nfetħu l-applikazzjonijiet biex jinkisbu fondi għal inizjattivi relatati mal-mobilità attiva u sostenibbli, li jistgħu jiġu implimentati kemm mill-Kunsilli Reġjonali kif ukoll mill-Kunsilli Lokali.

Tistgħu ssibu l-link għall-formola tal-applikazzjoni hawn taħt:
https://futuremobility.gov.mt/grant-for-mobility-initiatives-emw-2025/

Jekk għandek bżonn aktar informazzjoni jew assistenza, l-Assoċjazzjoni flimkien mal-Kunsilli Reġjonali jistgħu jassistikom.

Tislijiet,

Mario Fava
President

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali - Local Government Building, Triq il-Gvern Lokali, Marsa MRS3000
Tel: +356 2596 8000
Website: www.lca.org.mt
F: Local Councils' Association

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

'Dok B'

## Spjegazzjoni

Nixtieq nispjega l-vot kontra dwar il-pozizzjoni tal-Monument tal-Madonna.

Nemmen bis-shih li dan il-monument ghandu jitqieghed fejn il-qalba tal-Gudja ghal dawn ir-ragunijiet.

(1) Tkun tqieghed fejn ic-centru tal-Gudja li jinsab bejn it-Triq San Tumas u Triq il-Karmnu fejn isiru l-attivitajiet principali kollha tal-lokal

(2) Tkun tqieghed fejn il-Knisja Parrokkjali

(3) Tkun tqieghed u kumplimentari fejn il-monument tas-Salib li jinsab fi Triq Kompostelli k/m Triq il-Karmnu

Jien dan nixtieq inzid li l-argument li l-Madonna tilqa' fl-opinjoni tieghi ma jregix peress li meta tasal fejn dan il-monument tkun ga wasalt fic-centru tal-Gudja

Ch. Borell.

20/10/2021

'Dok Ċ' 20

## Gatt Ann Marie at Fgura Local Council

**From:** Clayton Cascun Portelli <cascun4fgura@gmail.com>
**Sent:** Tuesday, 30 September 2025 10:36
**To:** Lincoln Cowles
**Cc:** Gatt Ann Marie at Fgura Local Council; Calleja Gwenith at Fgura Local Council; Andre Mizzi; Mark Lombardo
**Subject:** Re: Gieh Fgura 2025 - Polza

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Ann Cm file please

grazzi
**Clayton Cascun Portelli**
Sindku

m +356 79012089 e cascun4fgura@gmail.com

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

On Mon, Sep 29, 2025 at 7:43 PM Lincoln Cowles <cowleslincoln@gmail.com> wrote:

> Fil prezenza ta Sindku u Mark Lombardo tellajna lismijiet hekk kif gej
>
> Gieħ il-Fgura - Sindku
>
> Anthony Abdilla - Izak De Giovanni
> Fr Herman - Josianne Sicluna
> Louis Caruana - Ryana Ellul
> Christian Brincat - Charles Bonello
> Omar Cassar - Mark Lombardo
>
> Liana Gazzano - Ray Deguara
> Jurgen Zerafa - Darren Marmara
> Paul Mallia - Adrian Tanti
>
> Joseph Carrabot - Mark Lombardo
> Joe Aguis - Izak De Giovanni
> Joseph Bonello - Ray Deguara
>
> Banda Fgura - Sindku
>
> Edwin Farrugia - Charles Bonello
> Augusto Cardinale - Josianne Sicluna

'Dok Ċ'

Andrew Zahra - Darren Marmara
Paul Mizzi - Ryan Ellul
Shania Degiorgo - Adrain Tanti.

Dejjem tieghek
Lincoln Cowles

'Dok D'

# Gatt Ann Marie at Fgura Local Council

**From:** Clayton Cascun Portelli <cascun4fgura@gmail.com>
**Sent:** Wednesday, 15 October 2025 12:55
**To:** Kummissjoni Festa Esterna Fgura; Gatt Ann Marie at Fgura Local Council
**Subject:** Re: Is-Siġra tal-Milied

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Ma nisbx ebda diffikultà

Ghaziza Ann cm file please

**Clayton Cascun Portelli**
Sindku

m +356 79012089 e cascun4fgura@gmail.com

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

On Wed, 15 Oct 2025 at 12:03, Kummissjoni Festa Esterna Fgura <fgurakfe16@gmail.com> wrote:

> Sur Sindku,
>
> Wara diskussjoni twila bejn il-membri tal-Kummissjoni Festa Esterna Fgura, qiegħed jiġi propost tibdil fil-post li għandha tintrama s-siġra tal-Milied. Meta wieħed jara l-ambjent ta' kostruzzjoni, trakkijiet u trabijiet madwar ir-roundabout ta' Triq Hompesch, il-kumitat qiegħed jipproponi biex is-siġra għal dis-sena tintrama f'Wesgħa Reggie Miller u fl-istess waqt tkun ta' attrazzjoni waqt il-jumejn tal-attività 'Il-Pjazza fil-Milied'.
>
> L-Għaqda tagħna hija tal-fehma li l-post propost huwa stupend u jixraq ferm mal-ambjent offrut f'dan iż-żmien tas-sena. Vantaġġ ieħor għal dis-sena jkun dak li se tiġi frankata l-ispiża tal-uffiċjali biex tingħalaq Triq Hompesch.
>
> Filwaqt li nitolbukom tilqgħu din il-proposta, nirringrazzjawkom tal-interess muri f'dan iż-żmien tas-sena

'Dok E'

## PRFPO for CM October 2025

| Purchase Request | Purchase Order | Name | Item | Price Euro |
|---|---|---|---|---|
| 11945 | 12169 | J.P. Baldacchino & Co Ltd | 6 x safety shoes cannes S3 short S | € 225.00 |
| 11946 | 12170 | Mi Media Hub | Progett ta' dokumentarju fuq l-inhawi tal-Foss ghall-isekma CIR/Regjun Port 16/2025 - Filming of the project progress, filming of interviews,& Editing | € 4,897.00 |
| 11947 | 12171 | CAS - Cassar Airconditioning Systems Ltd | 1x fan power board, 1x fan inverter modular board, 1x fan motor, 1 hr x labour rate | € 383.50 |
| 11948 | 12172 | Vince Hardware Store | Quote Q-001383 (Clean up day items) - 30x rubble bags black large, 10x black bags 50x80 10pcs, 10x rubble bags 50x80mm 10pcs, 4x black disposable gloves medium, 20x working latex gloves red size, 2x first aid kit, 2x face shield, 2x shovels, 2x zappun + handle, 1x large bin, 2x safety glass, 2x flat broom, 2x nylon broom, 4x broom sticks wood | € 334.28 |
| 11949 | 12173 | Joyce Muscat - Kyphi Long Journey | September session consisiting of 2 hrs chair yoga + medidation practice, followed by holistic wellbeing talk. | € 50.00 |
| 11950 | 12174 | Camilleri Caterers | Catering reception / party ghal Milied 2025 - Private reception on 16/12/25 - Quotation date 9/9/25 regarding day centre xmas party for 125 pax - time 11:15am - 13:30pm at FLC Hall 2nd floor | € 3,155.76 |
| 11951 | 12175 | Double M | Organisation & logistics of clean up day | € 250.00 |
| 11952 | 12176 | | cancelled | |
| 11953 | 12177 | BG Drilling Services Ltd | Clean Up Day on 27/09/2025 - 3 open skips sabiex jitpoggew fi Triq Kampanella, Fgura mis 7:00 am sa 1:00pm | € 460.20 |
| 11954 | 12178 | Ryan Bezzina | Clean Up Day poster 27/10/25 - World clean up poster | € 100.00 |
| 11955 | 12179 | Glenn Installations | FSWS A/C's - 1 x round flow cassette-ceiling 18000 Btu, 2x round flow cassette-ceiling 24000 Btu, 3x rubber mountings for the outdoor unit | € 4,002.00 |
| 11956 | 12180 | Vince Harware Store | 1 x box rollers 4" | € 5.51 |
| 11957 | 12181 | MGT | 1 x Christmas ornament for day centre with Leds, with mains. Mains cable included | € 100.00 |
| 11958 | 12182 | Sunflower | Jum il-Fgura 2025 - 4x kuruni rand , 2x bukketti fjuri @ 25 euro each | € 150.00 |
| 11959 | 12183 | Ray's Jewellery | Jum il-Fgura 2025 - 1x silver plated plate (12 inches) | € 90.00 |
| 11960 | 12184 | Peppin | Harga Panto 14 ta' Dicembru 2025 - 1x 52 seater coach - fi 15:15pm coach tkun Vjal Kottoner Fgura, fi 15:20pm tluq ghal San Vincenz sa fejn teatru, fi 20:15pm tluq minn quddiem San Vincenz u lura ghall-Fgura | € 180.00 |
| 11961 | 12185 | Quadron Plus | Harga Ghawdex - Is-Sibt 13 ta' Dicembru 2025 - 1x 53 seater coach - fis 7:15am coach tkun quddiem il-Kunsill Fgura, fis 7:30am tluq ghac Cirkewwa, fis 7:00pm tluq mi Cirkewwa, lura ghal Fgura | € 212.40 |
| 11962 | 12186 | Francis Service Station | Diesel for IBL 985 | € 40.00 |
| 11963 | 12187 | Ryan Bezzina | 2x Harga Rabat/ Harga Sicily, 1x Chair yoga poster, 2x Miss Malta poster/Crosscraft Festa Poster | € 310.00 |
| 11964 | 12188 | Antoinette Curmi | Additional Accountancy Services - May, June, July, August, September 2025 | € 4,950.00 |
| 11965 | 12189 | Print It | Inviti - Wirja hiliet il-Fgurin - 200 inviti - 1 side colour, art matt 300gms, 200 x 100 | € 30.45 |
| 11966 | 12190 | Vince Harware Store | 2 x padlocks, 4 x robolts | € 10.70 |
| 11967 | 12191 | WJA Distributors | 1x repair for welding set | € 25.00 |
| 11968 | 12192 | | Cancelled | |
| 11969 | 12193 | | Cancelled | |
| 11970 | 12194 | Clentec Malta limited | Cleaning service for the month of August 2025 | € 452.41 |
| 11971 | 12195 | Glenn Micallef Installations | 1x Power Factor Correction ODU PCB board | € 250.00 |
| 11972 | 12196 | Flowerland | Funeral - Knisja tal-Balluta Sliema fi 2:00 pm - Bukkett fjuri florist choice 25 + delivery for tomorrow 26/09/25 messagg - Kunsill Lokali Tarxien | € 30.00 |
